KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 18 TAL-10 LEĠISLATURA TAL-KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Laqgħa ssejħet għal nhar il-Ħamis, 7 ta' Awissu 2025, fil-17.30, bl-aġenda segwenti:

## AĠENDA 18

18.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;
18.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa numru 17;
18.3 Punti mill-minuti;
18.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
18.5 Aġġornament dwar is-sitwazzjoni tal-kera tal-uffiċċju;
18.6 Tisbiħ u Tiżjin tal-Milied;
18.7 Intervisti relatati mal-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv;
18.8 Konferma tal-ħatra tal-Bord ta' Dixxiplina;
18.9 Aġġornament dwar l-iżvilupp ta' sistemi ta' CCTV fil-lokalità;
18.10 Żvilupp mill-ġdid ta' proposti PA 4794/25 u PA 4795/25;
18.11 Mozzjoni dwar it-Turiżmu;
18.12 Proposta dwar postijiet fejn jitimgħu l-qtates;
18.13 Kwistjoni dwar ħamiem u tiġieġ;
18.14 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ;
18.15 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi;
18.16 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti ;
18.17 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss;

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs.

**Membri Preżenti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċensu Galea | *Sindku* | Christopher Vella Petroni | *Viċi Sindku* |
| Alexander Aguis | *Kunsillier* | Daryl Connor | *Kunsillier* |
| Rachel Williams | *Kunsilliera* | Sandra Gauci | *Kunsilliera* |
| Alexandra Smart Costantino | *Kunsilliera* | Mary Borg | *Kunsilliera* |
| Clevion Micallef | *Kunsillier* | Anne Marie Fenech | *Kunsilliera* |
| Joseph Matthew Attard | *Kunsillier* | | |

**18.1 Qari ta' ittri t'apoloġija**

Is-Sindku, is-Sur Censu Galea, fetaħ il-laqgħa fis-17:30 billi qara ittri t'apoloġija mingħand il-membri li ma setgħux jattendu.

– il- Kunsillier Alan Bugeja; u
– il- Kunsillier Raymond Tabone.

**18.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 17**

Il-Kunsillier Daryl Connor irrimarka li jixtieq iżid fil-punt 17.5 li kien qal li jixtieq li l-Maniġer tal-Kuntratti ingaġġat mill-Kunsill Lokali jkun responsabbli mill-monitoraġġ tax-xogħlijiet b'iżjed bir-reqqa. Din il-korrezzjoni saret.

Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Il-Kunsilliera Rachel Williams ipproponiet, u il-Kunsillier Clevion Micallef issekonda. Il-muniti gew għalhekk approvati *nem. con.*

**18.3 Punti mill-minuti**

Is-Sindku semma' lista ta' inizjattivi li kienu ġew diskussi wkoll fil-laqgħa preċedenti u li ġew implimentati, b'mod sħiħ jew parzjalment, fosthom:

- l-installazzjoni ta' tabelli biex jinformaw lill-pubbliku dwar id-deċenza pubblika;
- il-każ relatat mal-inċident ta' Fra Ben fir-rigward tal-laqgħa mal-partijiet interessati sabiex il-Kunsill jerġa' jirkupra fondi li tħallsu biex jiġu evitati spejjeż ta' imgħax;
- Użu ta' *street vacuum cleaners* għall-tindif tat-toroq u d-diskussjonijiet mal-kuntrattur tat-tindif tat-toroq dwar il-kundizzjonijiet, peress li kien ghadu ma sarx fhetim;
- it-tħejjija tal-pjanti għaċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid mill-Public Works Division;
- l-applikazzjoni mill-Kunsill għal grant scheme tad-Diviżjoni sabiex jinbidel id-dwal f'Triq il-Korp tal-Pijunieri.

Is-Sindku talab lil- Aġent Segretarju Eżekuttiv jirrapporta dwar dak li ġie diskuss waqt laqgħa fl-uffiċċji tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, dwar il-possibbiltà li tingħata faċilità lill-pubbliku biex iħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma mill-uffiċċju tal-Kunsill. Dan ġie spjegat li se jkun fuq il-linji ġenerali tal-faċilità eżistenti biex jitħallsu il-kontravvenzjonijiet inkluż dħul lill-Kunsill. Se jsiru aktar laqgħat sabiex l-implimentazzjoni tkun waħda bla xkiel.

Is-Sindku semma wkoll il-laqgħa organizzata minn ADI Consultants dwar ir-riġenerazzjoni ta' San Pawl il-Baħar, li fiha attenda biss l- Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Punt ieħor imsemmi kien il-laqgħa tas-Sindku mal-Pulizija kontra l-Frodi, fir-rigward ta' każ inizjalment irrappurtat mill-Kunsill stress snin ilu, u li dwaru kien għadu għaddej l-istħarriġ mill-Pulizija.

Is-Sindku tkellem dwar dak li rriżultat mis-seduta pubblika relatata mal-Lido u Ġnien tal-Lukanda Sunny Coast (PA/07802/22 u PA/02713/23, *Fażi 2 u 3*). Huwa enfasizza li vvota kontra l-proposta, li xorta ġiet approvata b'8 voti favur u 2 kontra. Is-Sindku għamel punt ċar li m'għandux kunflitt ta' interess u li kien qed jirrappreżenta lill-Kunsill fil-vot tiegħu favur l-interess tar-residenti kollha.

Fit-23 ta' Awwissu se ssir attività tal-ilma għat-tfal.

Is-Sindku semma wkoll li ż-żona magħrufa tas-sajjieda se jkun qed jittneħħew xi tabelli u zebgħa li qatt ma kienu approvati minn Transport Malta, jew il-Kunsill.

Fir-rigward tat-Twinning mal-Muniċipalità ta' Oroslavje, ġie rrappurtat li delegazzjoni ta' erbgħa, li tinkludi rappreżentanti tat-tliet partiti politiċi fil-Kunsill flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, se tattendi għal-laqgħat mal-uffiċjali tal-belt, ġewwa l-Kroazja. Il-programm ser ikun ta' żewġ iljieli (It-Tlieta sa l-Ħamis), fejn il-Kunsill huwa mistieden jattendi attività ta' ġieħ il-belt u lil dawk li taw xi kontribut, u l-għada jsiru numru ta' diskussjonijiet bl-għan li jiġu żviluppati proġetti komunitarji fil-futur.

## 18.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

- Is-Sindku beda billi semma' li l-Kunsill Lokali ser jifforma bord ta' intervisti għall-proċeduri ta' reklutaġġ ġodda.
- Ġew ippreżentati żewġ talbiet għal permess biex isiru attivitajiet sportivi, li mhux ser ixekklu jew toħloq ostaklu għat-traffiku. Il-Kunsill qabel li jintlaqa' permess
- Is-Sindku semma wkoll li fil-21 tax-xahar saret talba għall-użu ta' spazju ħdejn it-Torri ta' Wignacourt f'San Pawl il-Baħar għal attività politika mill-kandidat ieħor fit-tellieqa għall-mexxej ta' partit politiku. Il-Kunsill qabel li jintlaqa' permess għal din l-attività.
- Sirens ASC ressqu talba biex jitqiegħed *container* ta' 40 pied ħdejn il-latrina pubblika fil-viċinanza tal-pixxina tal-waterpolo. Il-membri qalu li l- *container* ma jnaqqasx b'mod eċċessiv il-parkeġġ fiż-żona, li għandu jkun mgħotti jew miżmum dejjem f'kundizzjoni tajba, biex ma joħloqx periklu għall-pubbliku li jgħaddi minn hemm.
- Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-AED fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali kellu l-pads u l-batterija tiegħu mibdula.
- Is-Sindku semma wkoll li l-Kunsill Lokali applika għal skema oħra ta' għotjiet finanzjarji biex jgħin lill-komunitajiet lokali. Din id-darba l-iskema hija mmirata partikolarment biex tassisti lill-FSWS, permezz ta' tagħmir u tisbieħ taż-żona li tintuża minn ħafna mill-klijenti tagħhom u mill-komunità lokali. Il-Kunsill approva din l-applikazzjoni.
- Ix-xandir dirett tas-seduta ġie sospiż sabiex tiġi diskussa każ ta' dixxiplina li seħħ fil-jiem ta' qabel il-laqgħa, bil-għan li tiġi protetta l-identità tal-individwi involuti u d-dettalji tal-każ.

**18.5** **Aġġornament dwar is-sitwazzjoni tal-kera tal-uffiċċju**

Is-Sindku spjega li s-sid il-kera tal-uffiċċju talab li l-kera tiżdied (irdoppjat). Il-kuntratt il-ġdid jinsab fi stadju ta' tħejjija u ser jitressaq għall-approvazzjoni. Saret diskussjoni qasira u l-Kunsill Lokali qabel li jipproċedi kif indikat.

**18.6** **Tisbiħ u Tiżjin tal-Milied:**

Is-Sindku semma wkoll li l-Request for Quotations (RfQ) għad-dwal tal-Milied se jinħarġu dalwaqt sabiex jiġu msaħħa u estiżi d-dekorazzjonijiet fit-toroq. Saret diskussjoni qasira u l-Kunsill Lokali qabel li jinħarġu l-RfQs u li jiġu sottomessi suġġerimenti dwar żoni li jistaw jiżdiedu.

**18.7** **Intervisti relatati mal-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv:**

Is-Sindku kompla billi ddiskuta l-kwistjonijiet relatati mal-intervisti għas-Segretarju Eżekuttiv full-time, inkluż diskussjoni dwar l-applikazzjonijiet mibgħuta mid-Diviżjoni. Saret diskussjoni estiża u ġie kkonfermat li l-Bord tal-Intervisti ser ikun magħmul minn: is-Sindku Perit Censu Galea, il-Kunsillier Daryl Connor u l-Kunsilliera Sandra Gauci.

**18.8** **Konferma tal-ħatra tal-Bord ta' Dixxiplina:**

Wara dan, il-Kunsill Lokali għadda biex japprova Bord ta' Dixxiplina, maghmula mis-Sur. Mario Falzon bħala Chairman, is-Sur Sergio Carbonaro u s-Sur Marico Sammut (u/jew is-Sur Martin Bugelli). Dawn se jiġu kkuntattjati sabiex jikkonfermaw jekk jaċċettawx jew le l-kariga.

**18.9** **Aġġornament dwar l-iżvilupp ta' sistemi ta' CCTV fil-lokalità:**

Is-Sindku spjega li madwar tliet snin ilu l-Kunsill Lokali kien bagħat lista ta' siti għall-installazzjoni ta' CCTV lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u x-Xogħol. Ġew diskussi diversi aspetti marbuta mas-CCTV, bħall-manutenzjoni, l-ispejjeż, it-tħaddim u l-immaniġġjar. Saret diskussjoni u l-Kunsilliera qalu li l-cameras weħidhom ma jistgħux isolvu l-problema, iżda l-infurzar huwa essenzjali. Il-Kunsill Lokali se jistenna r-risposta tal-Ministeru dwar jekk dawn humiex ser jiġu installati mill-Gvern Ċentrali.

**18.10** **Żvilupp ġdid propost skond PA 4794/25 u PA 4795/25:**

Is-Sindku spjega li qabel ma jieħu pożizzjoni, irid jirrevedi d-dettalji taż-żewġ proposti ta' żvilupp (demolizzjoni u kostruzzjoni) u jiddiskutihom mal-Kunsill Lokali sabiex ttieħed pożizzjoni uffiċjali.

Il-punti ewlenin imqajma kienu:

- l-iżvilupp ta' proġett ta' densità għolja fiż-żona li għandha densità baxxa;
- il-fatt li l-bini kien iddisinjat mill-Perit Richard England, ikkonsidrat bhala landmark;
- il-kwistjoni tal-parkeġġ;
- iżvilupp frammentat biex jigu evitati studji komprensivi;
- il-kwistjonijiet marbuta mas-servizzi (utilities), is-sistema tad-drenaġġ u toroq.

Saret diskussjoni, fejn inqrat corrispondenza li resqet proposata ghas-sottomissjoni u l-Kunsill Lokali qabel li jfassal sottomissjoni sabiex iwassal l-preokkupazzjonijiet tar-residenti u tal-Kunsill.

**18.11 Mozzjoni dwar it-Turiżmu:**

Is-Sindku qara l-mozzjoni ppreżentata mill-Kunsilliera Sandra Gauci, li titlob lill-Gvern sabiex l-*eco tax* li bħalissa tinġabar mill-Awtorità tat-Turiżmu fuq il-bed nights f'akkomodazzjonijiet turistiċi fi ħdan San Pawl il-Baħar, tibda tgħaddi għand il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Il-mozzjoni kienet issaħħaħ fuq il-fatt li l-lokalità hija kbira u turistika, li l-popolazzjoni tagħha tiżdied drastikament fis-sajf, li l-fondi għall-manutenzjoni huma limitati, u li r-riżorsi tal-Kunsill huma biżżejjed biss għall-bżonnijiet bażiċi bħat-tindif, il-ġbir tal-iskart u t-tiswijiet meħtieġa. Intqal ukoll li t-turiżmu qed iħalli impatt sinifikanti fuq il-komunità u għalhekk dawn il-fondi għandhom jgħinu lill-Kunsill jimmaniġġja aħjar dawn l-isfidi.
Matul id-diskussjoni, il-Kunsillier Daryl Connor insista li xtaq ikun jaf il-kontenut tal-mozzjoni qabel il-laqgħa sabiex ikun jista' jiġbor l-informazzjoni neċessarja.
Is-Sindku rrimarka li bħalissa f'San Pawl il-Baħar hemm madwar 16,000 sodda turistika, u għalhekk il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-eko-taxxa hija sostanzjali.
Saret diskussjoni u ġie deċiż li l-mozzjoni tiġi imhollija ghal aktar diskussjoni u decizjoni fil-laqgħa li jmiss.

**18.12 Proposta dwar postijiet fejn jitimgħu l-qtates:**

Il-Kunsilliera Sandra Smart ressqet numru ta' inizjattivi u ideat relatati mal-benesseri tal-annimali. Għalissa m'hemmx sorsi esterni ta' għajnuna finanzjarja għall-Kunsill Lokali, iżda ġie ssuġġerit baġit ta' €5,000 sabiex ikopri dawn l-inizjattivi sa l-aħħar tas-sena. Dawn il-fondi għandhom ikopru l-annimali kollha u mhux biss il-qtates. Ġie mfakkar li s-siti identifikati għal "cat cafés", parks għall-klieb, eċċ., għandhom ikunu fuq art pubblika.

Saret diskussjoni fejn ġie wkoll imsemmi li l-qtates tat-triq m'għandhomx jiġu mitmugħa żżejjed, peress li dan jikkontribwixxi għal problemi oħra ta' ndafa.

**18.13 Kwistjoni dwar ħamiem u tiġieġ:**

Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-problema tal-ħamiem u l-tiġieġ jiġri barra fil-lokalità. Saret diskussjoni dwar diversi miżuri possibbli biex jiġi kkontrollat in-numru ta' dawn l-għasafar, u l-Kunsill qabel li jikkuntattja lill-Kumitat Ornis sabiex jissuġġerixxi direzzjoni għal quddiem.

**18.14 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kienx hemm

**18.15 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi**

Ma kienx hemm

**18.16 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

L-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata. Il-mozzjoni biex jiġu approvati ġiet proposta mill-Kunsilliera Rachel Williams u ssekondata mill-Kunsillier Alex Agius.

**18.17 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20.35 u aġġornat għal nhar Ħamis 28 ta' Awissu 2025.

| | |
|---|---|
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |
| **Bjorn Bonello** | **Ċensu Galea** |

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

**10 LEĠISLATURA – Mozzjoni 2025/07/30**
**TAL-KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR**

Billi din il-lokalità ta' San Pawl il-Baħar hija lokalità kbira,

Billi l-lokalità hija wkoll żona turistika u l-popolazzjoni tal-lokalità tiżdied b'mod drastiku speċjalment fix-xhur tas-sajf anke b'residenti stagjonali,

Billi l-fondi tal-manteniment tal-lokalità huma limitati,

Billi l-Kunsill bir-riżorsi tiegħu limitati kemm jista' jżid it-tindif tat-toroq, il-manutenzjoni, il-ġbir tal-iskart u t-tiswijiet meħtieġa,

Billi t-turiżmu qed iħalli effett fuq il-komunità ta' San Pawl il-Baħar,

Il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar jitlob formalment lill-Gvern biex l-eko-taxxa li jħallsu t-turisti li joqogħdu f'akkomodazzjoni turistika fil-konfini tal-lokalità ta' San Pawl il-Baħar li s'issa tmur għand l-Awtorità tat-Turiżmu tibda tgħaddi għand il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

Dan sabiex l-impatti fuq il-lokalità jkunu jistgħu jiġu mmaniġġjati aħjar.

**Proponent: Sandra Gauci**

**Kunsilliera - San Pawl il-Baħar**
**Mibgħuta bi-email 30/07/2025**

Sindku/Mayor: Ċensu Galea; Viċi Sindku/Deputy Mayor: Christopher Vella Petroni
Kunsilliera/Councillors: Alexander Agius; Anne Marie Fenech; Sandra Gauci; Daryl Connor; Rachel Antoinette Williams; Alan Bugeja; Clevion Micallef; Joseph Matthew Attard; Alexandra Smart Costantino; Mary Borg; Raymond Tabone.
Aġent Segretarju Eżekuttiv/Acting Executive Secretary: Bjorn Bonello